# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**Aġent President**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 2**

**Rikors numru 174/19/3 AGV**

**Pauline Borg Caruana**

**v.**

**Dionisio sive Dennis Caruana**

1. L-attriċi ('appellanti') appellat minn sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-30 ta' Settembru, 2021, dwar il-firda personali bejn il-partijiet u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom. Il-partijiet iżżewġu fid-29 ta' Ġunju, 2012, (att ta' żwieġ numru 1501/2012).

2. Il-proċeduri li wasslu għal dan l-appell huma s-segwenti:

2.1. Permezz ta' ittra datata 1 ta' April, 2019, l-attriċi talbet lir-Reġistratur tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex jinbdew proċeduri ta' medjazzjoni minħabba problemi fiż-żwieġ li kellhom iwasslu għas-separazzjoni minn ma' żewġha;

2.2. Fis-seduta ffissata għal dak il-għan l-attriċi talbet li tingħalaq il-medjazzjoni peress li kienet tal-fehma li ma kienx possibbli li sseħħ rikonċiljazzjoni;

2.3. B'digriet mogħti fl-14 ta' Ġunju, 2019, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għalqet il-medjazzjoni u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'din il-kawża;

2.4. Permezz ta' rikors maħluf ippreżentat fid-9 ta' Lulju, 2019, l-attriċi ppremettiet u talbet is-segwenti:

> *"1. Illi l-kontendenti kienu nghaqdu fi zwieg nhar id-29 ta' Gunju 2012 [Ara Dok. "A" hawn unit];*
>
> *2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal;*
>
> *3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti saret impossibli u l-konvenut irrenda ruhu hati ta' eccessi, sevizzi, ingurji gravi, swat, mohqrija, u offizi gravi u vjolenza psikologika fil-konfront ta' martu oltre li l-hajja konjugali ma ghadiex aktar possibbli minhabba nkompatibilita' ta' karattru tant li z-zwieg ta' bejniethom tkisser b'mod irrimedjabbli;*

*4. Illi l-intimat wergha lilu nniffsu xhih ma' l-esponenti u l-intimat spicca biex bieghda minnu;*

*5. Illi l-kontendenti jahdmu t-tnejn: l-esponenti hija mpjegata ma' Cafe' Cordina, u l-intimat jahdem mal-Gvern;*

*6. Illi l-esponenti qed tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn ma' zewggha wara li b'Digriet tal-14 ta' Gunju 2019 dina l-Onorabbli Qorti ddikjarat maghluqa l-medjazzjoni ta' bejn il-kontendenti u awtorizzathom jipprocedu bil-kawza opportuna [Ara Dok. "B" hawn unit];*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:-*

*1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut Dionisio sive Dennis Caruana.*

*2. Tiddikjara li l-esponenti ghandha l-jedd li ggieghel lill-intimat zewggha li, f'kull kaz, jaghtiha manteniment bis-sahha ta' l-obbligu li jitnissel miz-zwieg.*

*3. Tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, u wara li tassneja lil partijiet il-proprjeta' parafernali taghha jew tieghu, tiddividi u tassenja l-istess f'zewg porzjonijiet ugwali.*

*4. Tapplika kontra l-konvenut, internament jew in parte, d-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 u/jew 51 sa 55A tal-Kodici Civli.*

*5. Tinnomina Nutar Pubblika sabiex jircievi l-att pubbliku relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-medjazzjoni kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni."*

2.5. Permezz ta' tweġiba maħlufa ppreżentata fit-23 ta' Settembru 2019, il-konvenut ('appellat') wieġeb:

*"1. Illi l-esponent irid li jkun hemm is-separazzjoni personali izda ghar-ragunijiet imputabbli lil martu, Pauline Borg Caruana.*

*2. Illi ghar-rigward it-tieni talba, r-rikorrenti ghandha l-introjtu taghha stante kif iddikjarat hi stess hija mpjegata mad-ditta Cafe' Cordina kif ukoll is-sehem taghha tal-komunjoni tal-akkwisti.*

*3. Illi ghar-rigward it-tielet talba, dwar il-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, din l-Onorabbli Qorti ghandha xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-attrici martu hi unikament hatja ghas-separazzjoni personali kif qieghed jinghad fil-kontro-talba tal-esponent; l-esponent jaqbel li ghandu jkun hemm inkluz l-assenjazzjoni tal-attiv parafernali lill-partijiet koncernati.*

*4. Illi, inkwantu r-raba' talba, dawn is-sanzzjonijiet ghandhom jgu applikati kontra r-rikorrenti minhabba l-impgieba taghha kif qieghed jinghad fil-kontro-talba tal-esponent.*

*5. Illi, r-rikorrent qieghed jaqbel mal-hames talba fejn din l-Onorabbli Qorti giet mitluba tinnomina nutar pubbliku biex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.*

*Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-medjazzjoni kontra r-rikorrenti li minn issa qieghda tigi ngunta ghas-subizzjoni."*

2.6. Il-konvenut għamel kontro-talba kontra l-attriċi:

*"1. Illi l-partijiet izzewgu nhar id-29 ta' Gunju 2012.*

*2. Illi miz-zwieg taghhom ma kellhomx tfal.*

*3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti saret impossibli u l-attrici rrendiet ruhha hatja ta' adulterju, eccessi, sevizzi gravi u offizi gravi fil-konfront ta' zewgha oltre li l-hajja konjugali ma ghadhiex possibli minhabba nkompatibilita' ta' karattru tant li z-zwieg ta' bejniethom tkisser b'mod irremedjabli.*

*4. Illi minkejja l-isforzi sabiex l-esponent isalva z-zwieg u minhabba l-intransigenza tal-attrici kien impossibli li jkompli bir-relazzjoni tieghu ma' martu.*

*Ghaldaqstabnt tghid l-attrici Pauline Borg Caruana ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-*

*1. Tippronunzja s-separazzjoni personali tal-partijiet ghar-ragunijiet premessi*
*imputabbli lil Pauline Borg Caruana;*

*2. Tapplika fil-konfront ta' Pauline Borg Caruana l-Artikoli 48, 51 u 52 tal-Kodici Civili;*

*3. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet;*

*4. Taqsam l-istess komunjoni hekk likwidata bejn il-partijiet skond il-ligi.*

*5. Tinnomina nutar pubbliku biex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.*

*Bl-ispejjez kontra Pauline Borg Caruana li qed tigi ngunta in subizzjoni."*

2.7. L-attriċi wieġbet għall-kontro-talbiet tal-konvenut kif ġej:

*"L-Eccezzjonijiet:*

*1. Illi hija ma topponiex ghas-separazzjoni personali li ghandha tinghata ghall-ragunijiet imputabbli lill-intimat konvenut rikonvenjent bil-konsegwenzi u sanzjonijiet li din ggieb maghha skond il-ligi.*

*2. Illi hija lanqas topponi ghall-likwidazzjoni u separazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom, prevja li l-esponenti tiehu dawk il-flejjez li hija harget qabel iz-zwieg.*

*3. Illi l-kontro-talba tal-konvenut hija fuq l-istess linji bhat-talba principali attrici.*

*Il-Fatti:*

*1. Illi l-kontendenti zzewgu fid-29 ta' Gunju 2012. Tfal ma kellhomx.*

*2. Illi l-hajja konjugali saret impossibli u l-konvenut tant esasperha lill-esponenti billi kien xhih maghha, kellu l-vizzju tal-loghob, u wara problemi ohra matrimonjali huwa spicca biex ghamlilha hajjitha nfelici u mdejjqa.*

*3. Hija ppruvat issalva z-zwieg u anki rrikorriet ghall-medjazzjoni, izda l-konvenut qal li huwa ma kellu xejn x'jirranga fih u ghalhekk l-esponenti kellha tirrikorri ghas-separazzjoni.*

*4. Illi l-esponenti ghadha sallum tonora certi obbligazzjonijiet taghha matrimonjali."*

2.8. Permezz ta' sentenza mogħtija fit-30 ta' Settembru, 2021, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet billi:

*"Kwantu ghat-talbiet attrici:*

*Tilqa' l-ewwel talba,*

*1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, izda ghal ragunijiet imputabbli lill-istess attrici.*

*2. Tichad it-tieni talba.*

*3. Tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, u tassenja lill-partijiet il-proprjeta' parafernali taghhom, u tiddividi u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti fil-porzjonijiet kif hawn fuq indikat.*

*4. Tichad ir-raba' talba.*

*5. Tilqa' l-hames talba.*

*Kwantu ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut:*

*1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali tal-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli lil Pauline Borg Caruana;*

*2. Tilqa' t-tieni talba u tapplika fil-konfront ta' Pauline Borg Caruana l-Artikoli 48, 51 u 52 tal-Kodici Civili;*

*3. Tilqa' t-tielet u r-raba' talba u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet, u taqsam l-istess komunjoni hekk kif deskritt aktar 'il fuq;*

*4. Tinnomina lil Nicholas Vella, nutar pubbliku, biex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza, u tinnomina lil kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.*

*L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-attrici."*

3. Fit-18 ta' Ottubru, 2021, l-attriċi appellat mis-sentenza tal-ewwel Qorti:

*"tirriforma u tvarja s-sentenza appellata ... billi:*

*Fir-rigward ta' dika l-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti ddisponiet mit-Talbiet Prinċipali ta' l-attriċi appellanti u mit-Talbiet Rikonvenzjonali tal-konvenut appellat:*

*1. Tikkonfermaha in kwantu laqgħet il-pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, iżda tbiddilha in kwantu attribwit il-ħtija tat-tifrik taż-żwieġ unikament lill-appellata, u minflok tiddikjara illi r-responsabilità għat-tifrik taż-żwieġ hija mputabbli lill-appellat u fl-għar ipotezi b' mod ugwali bejn il-partijiet;*

*2. Tirrevoka u tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn applikat fil-konfront ta' l-appellanti l-Artikoli 48, 51 u 52 tal-Kodiċi Ċivili, b' dan illi, f' każ li dina l-Qorti jidrilha li xorta għandha tapplika tali sanzjonijiet, dawn għandhom jgħoddu biss minn meta tiġi ffissata data determinata a bażi tal-provi kumpilati, u dana strettament fil-parametri stretti li jipprovdi l-istess artikolu, u tapplika ukoll, interament jew in parte, d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 u/jew 51 sa 55A tal-Kodiċi Ċivili kontra l-konvenut appellat.*

*3. Tikkonfermaha in kwantu laqgħat il-pronunzjament tax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, u fl-assenjazzjoni tal-proprjetà parafernali tagħhom, tvarjaha billi:*

*(a) tillikwida l-istess proprjetà parafernali f'dawk l-ammonti ta' €82,694.91c u €13,524.31c dovuta lill-appellanti u lill-appellat rispettivament, kif fuq ingħad, u*

*(b) tvarja l-ordni li l-attriċi appellanta gandha tallontana ruħha mid-dar matrimonjali sa żmien tlett xhur mid-data tas-sentenza, u noltre*

*(c) tordna lill-konvenut appellat iħallas lill-attriċi appellata s-somma ta' €5,850 bħala sehemha mill-prezz tal-karozza KIA targata EBV-912.*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat.'*

4. Fl-14 ta' Diċembru, 2021, il-konvenut wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

Konsiderazzjonijiet.

5. L-ewwel aggravju tal-appellanti huwa dwar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn il-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ ingħata lilha. F'dan ir-rigward l-ewwel Qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

*"... L-attrici tghid li l-konvenut ma kienx itiha attenzjoni u ma kienx jikkontribwixxi ghall-hajja, u li kellu l-vizzju tal-loghob. Minn ezami tal-provi kollha prodotti mill-partijiet, din l-allegazzjoni tal-ahhar ma tirrisultax ippruvata. Mhuwiex sufficjenti li ggib diversi xhieda jghidu li persuna ghandha l-vizzju tal-loghob minghajr ma tigi prodotta prova wahda oggettiva. Dawn ix-xhieda kollha jinsistu li l-konvenut kien joqghod jigbor in-numri ta' dati ta' avvenimenti u jilghabhom lottu. Bid-dovut rispett, din mhix bizzejjed biex wiehed jigi meqjus bhala li ghandu l-vizzju tal-loghob, aktar u aktar meta tressqu provi li l-konvenut kien fil-fatt ihallas ghall-kontijiet kollha tad-dar, bhal per ezempju dawl u ilma, internet, telephone, u hwejjeg ohra.*

*Kwantu ghall-attenzjoni nieqsa li tilmenta minnha l-attrici, il-Qorti wkoll m'ghandhiex provi konkreti dwarha, izda tista' tifhem li dan, bhala stat ta' fatt, tant hu element soggettiv li huwa possibbli li l-attrici kienet thoss li l-konvenut ma kienx itiha l-attenzjoni li xtaqet. Dan johrog mix-xiehda taghha stess meta tqabbel dak li kienet tisma' minn irgiel ohra fuq il-post tax-xoghol taghha, cioe' Cafe' Cordina, ma' dak li kienet tghaddi minnu hi mal-konvenut.*

*Mill-banda l-ohra, il-konvenut ressaq provi li juru li hu kien ihallas ghal diversi spejjez tad-dar. Kien ukoll hallas ghal spejjez ohra qabel iz-zwieg. Jinnega li qatt kellu jew li ghandu l-vizzju tal-loghob, u jghid li jilghab lottu bhal haddiehor. Il-konvenut jattribwixxi t-tort kollu tas-separazzjoni lil Marco Saliba, persuna li kienu ltaqghu maghha meta kienu siefru fl-2018. Minn dak iz-zmien, jghid li l-attrici inbidlet. Bdiet tohrog aktar wehidha, iddum barra, sahansitra taghmel weekends shah ma tirritornax, u anke siefret tlitt darbiet ma' Saliba. Dawn il-fatti huma ammessi kemm mill-attrici kif ukoll minn Saliba, bil-premessa li huma biss hbieb.*

*Minn dan il-kwadru ta' fatti kif esposti mill-partijiet, ghall-Qorti johrog car li l-attrici ghandha relazzjoni ma' dan Marco Saliba, u din bdiet fl-2018, jigifieri waqt li hi kienet mizzewga lill-konvenut. Ghalhekk, il-Qorti ghandha quddiemha provi cari bizzejjed biex tikkonkludi li l-attrici hija hatja ta' adulterju. Hi min-naha taghha tghid, forsi biex tipprova tiggustifika l-agir taghha, li l-konvenut ma kienx juri affezzjoni lejha, u sabet din l-attenzjoni f' Marco Saliba.*

*Fi ftit kliem, fi kliemha stess, l-attrici ddejqet. Qalet li kienet tiltaqa' ma' hafna nies fuq ix-xoghol, u kienet tinduna li r-relazzjoni li hi kellha mar-ragel taghha kienet differenti mir-relazzjonijiet ohra. Hi ssemmi l-aktar il-flus u l-attenzjoni nieqsa min-naha tar-ragel taghha. Mill-provi kollha mressqa minnha, dawn kienu z-zewg elementi ewlenin li lmentat fuqhom. Anke l-persuna li l-attrici allegatament kellha relazzjoni mieghu, Marco Saliba, hi tirreferi ghalih bhala "good listener". Di fatti, hi siefret tal-inqas tlitt darbiet mieghu, Nuremberg, Seville, u Londra, u gieli ghamlet "weekends" shah mieghu fl-appartament tieghu gewwa Bugibba.*

> *Illi ghalhekk, ir-responsabbilta' tat-tifrik taz-zwieg huwa unikament imputabbli lill-attrici, bir-relazzjoni extra natrimonjali taghha ma' Marco Saliba."*

6. L-appellanti tikkontendi iżda li l-ewwel Qorti kellha tara għalfejn hija kienet imdejqa fiż-żwieġ u jekk dawk iċ-ċirkostanzi kkontribwewx għat-tifrik taż-żwieġ. Tgħid imbagħad li kien hemm diversi inċidenti li juru '*nuqqas serju ta' kompatibilità ta' karattru li jwassal għal moħqrija'*, <u>ossija</u>: li l-appellat kellu karattru dominanti billi kien jieħu r-*remote* tat-*television* biex jara l-istazzjon li jrid hu; li kienu joħorġu biss fejn trid oħt l-appellat; li huwa ħadilha €2,000 li hija kienet qed iġġemma' għal *deposit* fuq karozza biex ordna bibien tal-*aluminium* għad-dar; li l-appellat ma kienx itiha attenzjoni tant illi lil missierha tgħidlu li jistmagħha ta' bintu mhux martu; u li kellu wkoll ilsienu ħażin u jinsulentaha b' ħafna kliem vojt; li kien xħiħ magħha tul il-ħajja matrimonjali tant li meta ġiet bżonn €3,000 kellha tirrikorri għand membri tal-familja tagħha għax ma sabitx sapport finanzjarju mingħandu minkejja li kellu minfejn jerħi jdejh kieku ried u dan wara li hija kienet għadha kif nefqet somma flus sostanzjali (mat-€8,000) biex tirranġa d-dar matrimonjali u xtratlu wkoll karozza ta' €13,000; li kienet ukoll tħallas tat-tnejn hi meta joħorġu, anke fl-anniversarju tat-tieġ jew f'għeluq sninha u fil-mori ta' dawn il-proċeduri l-appellat spiċċa talabha €20 għall-*petrol* għaliex spiċċatlu l-paga meta rriżulta li għandu depożiti bankarji oltre €12,000; u li kellu vizzju tal-logħob. L-appellanti tikkontendi li l-ewwel Qorti kellha tqis li għalkemm l-appellat kien iħallas

il-kontijiet kollha tas-servizzi tad-dawl, ilma, telephone u internet u kien iħallas ukoll sehmu mill-*loan,* hu kien jiġbed ammonti sostanzjali ta' flus kontanti u jonfoqhom fil-logħob tal-lottu. Tgħid għalhekk li l-*event* dannuż li wassal għas-separazzjoni ta' bejn il-kontendenti kien il-karattru dominanti tal-appellat, l-egoiżmu u x-xeħħa tiegħu u l-logħob tal-lottu. Skontha, il-ħbiberija li hija għandha ma' Marco Saliba hija bla rbit u fih hija sabet persuna li jismagħha u ma joħodhiex '*for granted'*. Iżżid li hija saret taf lil Saliba f'Mejju tal-2018, ossija fiż-żmien meta hija diġa' kienet mhux kuntenta mal-appellat, u għalhekk ma kinitx il-ħbiberija ma' Saliba li wasslet għat-tifrik taż-żwieġ.

7. Il-problemi li skont l-appellanti wasslu għat-tifrik taż-żwieġ huma prinċipalment marbuta ma' kwistjonijiet finanzjarji. Mistoqsi f'hiex kien jonfoq il-paga, l-appellat qal li kien iħallas sehmu mil-*loan* u l-kontijiet kollha hu.[1]

8. Il-partijiet iżżewġu fid-29 ta' Ġunju, 2012. Minn dak iż-żmien 'il quddiem, mill-kont li fih kien jidħol is-salarju tal-appellat (li jispiċċa bin-numri 0017) kienu jinġibdu: (i) €353 fix-xahar għal-*loan* (dawn kienu jidħlu fil-kont li jispiċċa bin-numri 1748); €25 fix-xahar li kienu jmorru ġo *savings account* ieħor li jispiċċa bin-numri 7314 li minnu kienet titħallas il-*life policy* tal-MSV Life; somom oħra li kienu jmorru ġol-*current account* taċ-

[1] Fol. 352.

*cheque book* li jispiċċa bin-numri 5438); €412.53 darba fis-sena għall-MSV Life Policy; spejjeż bankarji u assikurattivi oħra; *direct payments* tal-kont tal-Go; *direct payments* lill-ARMS Ltd; xi pagamenti żgħar oħra; u *withdrawals* ta' flus kontanti fis-somma medja ta' €650 fix-xahar (għalkemm kien hemm bosta xhur fejn l-appellat ippreljeva somom ta' flus kontanti aktar għolja minn hekk).

9. Il-maġġior parti tal-ispejjeż li kien iħallas għalihom l-appellat kienu għalhekk isiru b'*direct debit.* Dan jirriżulta wkoll mix-xhieda tar-rappreżentanti tal-ARMS Ltd.[2] Il-kontijiet tal-GO ġieli tħallsu direttament mill-kont bankarju tal-appellat u ġieli tħallsu *cash* filwaqt li dawk tal-Melita ġeneralment tħallsu *cash.*[3]

10. Il-Qorti tqis li l-*cash payments* li kien jagħmel l-appellat għall-ħlas ta' kontijiet dwar utilitajiet kienu f'ammonti ferm anqas mill-flus kontanti li kien jiġbed. Tenut kont tal-fatt li l-ispejjeż l-oħra tal-ħajja kienet imbagħad tagħmel tajjeb għalihom l-appellanti, il-Qorti ma teskludix li l-appellat kien verament jonfoq madwar €35/€40 fil-ġimgħa fil-logħob tal-lottu kif allegat l-appellanti u ħuha Ivan Borg. B'daqshekk il-Qorti ma tistax tikkonkludi li l-appellat kellu xi vizzju tal-logħob tal-azzard jew li dik kienet ir-raġuni li wasslet għat-tifrik taż-żwieġ. F'dan ir-rigward il-Qorti kkunsidrat li:

---

[2] Fol. 391.
[3] Fol. 400 – 401, 403 – 404.

(i) fl-aħħar mill-aħħar l-appellat qatt ma nefaq aktar mid-dħul tiegħu u m'hemmx provi sodisfaċenti li l-flus li kien qiegħed jonfoq poġġa xi pressjoni fuq il-qagħda finanzjarja tal-familja;

(ii) m'hemmx provi sodisfaċenti li l-appellanti kienet ikkonfrontat lil żewġha dwar dawk l-ispejjeż u li kien qiegħed ikun kaġun ta' nkwiet bejn il-koppja;

11. Dwar is-somma ta' €3,000 li l-appellanti kellha bżonn għal intervent ta' dentistrija, għalkemm fl-affidavit tagħha l-appellanti xehdet li kienet talbet lill-appellat jgħinha u rrifjuta,[4] in kontro-eżami rriżulta li hija qatt ma talbet lill-appellat għal dawn il-flejjes għaliex hija '*riżervata ħafna*'. Iżda ppretendiet li l-appellat jgħinha mingħajr ma titolbu għaliex kien jaf li hija kienet għadha kif nefqet somma sostanzjali fuq xogħlijiet fid-dar u kienet ukoll xtratlu karozza u wkoll għaliex fuq il-lant tax-xogħol kienet tisma' li rġiel oħra kienu jagħtu l-flus lil marthom.[5]

12. Da parti tiegħu l-appellat xehed:

> *"Xhud:*
>
> *... ghax hi thobb id-dar, thobb l-affarijiet, taf li jiena nibza' ghall-affarijiet u m'inix traskurat, allura dejjem tohloq u tghidli, u nghamlu hekk, u naghmlu hekk, u jiena dejjem kont nghidilha, imma Paul, ghandek biex, u kienet tghidli, u halli f'idi, jien ghandi flus, u jiena, heq, dik hija l-mara*

[4] Fol. 57.
[5] Fol. 336.

*tieghi, jekk il-mara tieghek, il-mara ta' kulhadd, tixtieq illi tghamel hekk, ir-ragel mhux ha jghidilha ma rridx la ghall-gid...*

*Dr. Henry Antoncich:*

*Pero' meta nqalghatilha l-problema, f'Novembru 2017 fi snienha u d-Dentist, qalilha ghandek spiza ta' tlett elef, giet titlbok l-ghajnuna finanzjarja u ghidtilha m'ghandix flus inti u spiccat marret ghand tal-familja taghha biex tigborhom.*

*Xhud:*

*Ha nghidlek, l-ewwel nett lanqas kont naf jien li kellha problema fi snienha ghax jiena kont inwassalha jien ghand id-Dentist, ghax hi, Pauline persuna li ma titkellimx . Jekk ma titkellimx mar-ragel , ma' min trid titkellem? Ghax inti ghidtli, li ma ntihix cans titkellem. Ahna nkunu d-dar, Pauline kwieti u hekk, tahdem id-dar, jekk ma nitkellimx jien, jew ma naqbadx argument jien, ma titkellimx. L-ewwel nett, lili ma gietx talbitni flus ghal snienha, ghax jiena , kull meta kont nghidilha fuq il-flus kienet tghidli, ghandi flus, sewwa. Ghal snienha nista' nghid, jien, li kont wassaltha xi sitt darbiet ghand id-Dentist, wassaltha ghall-operazzjoni jiena, Pauline minn dejjem, jekk xtratli karozza, jien nista' nghid li kont id-driver taghha u hi kienet qisha l-Ministru, ghax fejn trid dejjem jien kont maghha, jigifieri ta' snienha li marret ghand il-familja u ghand il-familja bix-xieraq li tmur, ghax din, anke fl-affidavit qalet, li l-familja taghha ituha l-flus, heq, il-hwejjeg tal-familja taghha tigi tahsilhom id-dar ghandi, tal-papa taghha, t'ommha, u ta' hutha, tajjeb, u nhallas il-kont jien, imma qatt ma tkellimt jiena*

*Qorti:*

*Sur Caruana , Sur Caruana , talbitek thallsilha l-ispejjez tad-Dentist ? Iva jew le .*

*Xhud:*

*Le .*

*Qorti:*

*Ma talbitekx.*

*Dr. Henry Antoncich: Jigifieri , preferiet tmur ghand il-familja taghha , milli tigi ghandek?*

*Xhud: Lili ma gietx tistaqsini lili ghall-flus u, hi taf, li jiena mhux stabbli hafna fil-flus.*

*Qorti:*

*Jigifieri, ma gietx qaltlek, isma, dawn gew l-ispejjez tad-Dentist, tista' thallasli parti minnhom?*

*Xhud:*

*Le, le, le*

*Qorti Qatt ma qaltlek hekk?*

*Xhud:*

*Le , Le , le, qatt.'*

13. In kontro-eżami l-appellanti stqarret li minkejja li kienet ilha mdejqa fiż-żwieġ, lill-appellat urietu bl-inkwiet biss lejn l-aħħar tas-sena 2018.[6] Fuq mistoqsijiet tal-Qorti wieġbet illi:

*"Qorti:*
*Sinjura ha nsaqsik jekk ma jimpurtax. Jekk inti qatt m'ghidtlu, li inti kont imdejqa, kif stajt tippretendi li hu ha jinbidel jew ha jaghmel xi haga biex ikun ahjar, biex ibiddel l-attitudni tieghu?*

*Xhud:*

*Le, il-karattru tieghi huwa hekk, u hu jafu li jiena nghidlek dak il-hin, mhux ha noqghod nghid bhalu, jghidli, jghidli, jghidli, hawnhekk xorobuli, dik il-karattru tieghu orrajt, imma kif jaf hu illi jekk per ezempju jdejjaqni oggett, ha nghidilu dak il-hin, nghidlu taf li jiena kont qed inkellmek ? Taf li jiena ghidtlek Ghandi hekk, taf per ezempju inti qatt m'urejtni statements, inti, nghidlu dak il-hin*

*Qorti:*

*Jigifieri dak il-hin inti kont tigbidlu l-attenzjoni?*

*Xhud:*

*Iva, ehe, nigbidlu l-attenzjoni, imma*

*Qorti:*

*Imma mbaghad ma tibqax ghaddejja biha?*

[6] Fol. 337.

*Xhud:*

*Le"*

14. Minn dan il-Qorti hija tal-fehma li l-problemi u dwejjaq li kellha l-appellanti kienu fil-maġġior parti frott ta' nuqqas ta' komunikazzjoni da parti tagħha. M'hemmx dubju li żewġha kellu d-difetti tiegħu wkoll u li kien hemm mumenti fejn naqasha għaliex ma għarafx il-bżonnijiet tagħha jew għaliex ma fehemx l-estent tal-fastidju li kienet qiegħda tieħu b'ċertu komportament tiegħu. Iżda finalment kienet l-appellanti li naqset milli titkellem dwar dak li tgħid li suppost kien qiegħed idejjaqha fih.

15. Minflok kienet tiddiskuti u tinsisti li żewġha jibdel l-atteġġjament tiegħu, daħlet f'qoxritha u baqgħet siekta '*biex iżżomm il-kwiet.'*[7] Tant l-appellat ma fehemx id-disaġju tagħha li min-naħa tiegħu kien jaħseb li kollox kien sew u *plain sailing.*

16. Lanqas l-allegazzjonijiet/ilmenti l-oħra elenkati mill-appellanti ma jammontaw għal xi moħqrija fil-konfront tagħha. Anzi, mill-atti jirriżulta li l-appellat huwa bniedem paċenżjuż li kien iwassal lill-appellanti u l-missierha kull fejn riedet, li qatt ma lmenta meta l-appellanti kienet taħsel il-ħwejjeġ tal-familjari tagħha d-dar matrimonjali minkejja li kien iħallas il-kont tad-dawl u l-ilma hu, li ħa l-*leave* meta kien hemm bżonn isiru

[7] Fol. 337.

xogħlijiet fid-dar u kien inaddaf wara, u li fuq kollox kien ikellimha b'rispett hekk kif jirriżulta mill-messaġġi eżebiti.[8] Saħansitra meta l-appellanti kienet torqod barra mid-dar matrimonjali u kienet imbagħad tmur lura d-dar u torqod ħdejh, huwa ttollera dik is-sitwazzjoni wkoll waqt il-kawża bit-tama li l-appellanti tagħraf l-iżball tagħha u tirrikonċilja miegħu.[9] Verament li fil-frattemp kien jitlobha l-flus għall-ikel, pero` b'daqshekk ma jfissirx li kien hu l-kaġun tat-tifrik taż-żwieġ.

17. F'kull każ, anke kieku stess l-appellat kellu d-difetti kollha li tattribwilu l-appellanti, l-ebda nuqqas da parti tiegħu ma kien jiġġustifika li tfittex il-kumpanija ta' raġel ieħor. Minkejja l-allegat dwejjaq fiż-żwieġ, kien biss wara li l-appellanti kienet bdiet relazzjoni ma' Marco Saliba, li miegħu ltaqgħet f'Mejju tal-2018, li wriet lil żewġha '*bl-inkwiet*'.[10] Evidenti li f'dak l-istadju kien tard wisq għaliex l-appellanti kienet daħlet f'*commitment* ma' raġel ieħor u dan għamlitu liberament. Tant hu hekk li m'hemmx provi li juru li ġenwinament riedet tipprova ssalva ż-żwieġ.

18. Dwar dan, l-appellat xehed illi f'Novembru tal-2018:

> *"... meta kient tielgħa għax-xogħol proprju fi Pjazza San Ġorġ qalti 'isma' irrid ngħidlek xi ħaġa'. Qaltl: 'jiena m'għadnix inħobbok għax sirt inħobb raġel ieħor u l-ħin kollu naħseb fih." Jien għeditilha naf min hu. Għedtilha Marco jismu. U ma ċaħditiex"*[11]

---

[8] Fol. 233.
[9] Fol. 335.
[10] Fol. 337.
[11] Fol. 45.

19. L-appellat wasal għal din il-konklużjoni għaliex wara li ġew lura mill-Art Mqaddsa f'Mejju tal-2018, fejn kienu jafu lil Marco Saliba, huwa rah bosta drabi jieħu kafe` l-Belt fejn kienet taħdem hi. Dan apparti komportament ieħor biered da parti tal-appellanti li kien ġiegħlu jissuspetta ħażin. L-appellant jgħid li sal-aħħar ta' Diċembru ta' dik is-sena l-appellanti kienet tgħidlu '*irrid inħobbkom it-tnejn'.* Dan wara li l-ewwel marret il-quddies tal-Milied mal-appellat imbagħad qaltlu li sejra il-quddies ta' nofs il-lejl ma' Saliba.[12] L-aġir tal-appellanti ċertament ma kienx ta' mara miżżewġa.

20. Minkejja li l-appellanti tgħid li hija ppruvat issalva ż-żwieġ, mill-atti jidher iżda li hija kienet ferma fid-deċiżjoni tagħha u filwaqt li l-appellat baqa' jgħidilha li jħobbha u lest jaħfrilha,[13] hija ma riditx taf u kompliet toħroġ ma' Marco Saliba. Saħansitra raqdet barra mid-dar matrimonjali kull meta deherilha, inkluż ġo appartament ta' missier Marco Saliba li kellu aċċess il-maħbub tagħha.[14] Siefret ukoll ma' Saliba tliet darbiet, l-ewwel Nurenburg mill-4 ta' Diċembru, 2018, sal-Ġimgħa 7 ta' Diċembru, 2018, darb'oħra Seville f'April tal-2019 u Londra f'Awwissu 2019, kif konfermat minnha stess u minn Mario Saliba in kontro-eżami.[15] Kien fl-1 ta' April, 2019, li l-appellanti bdiet il-proċeduri ta' medjazzjoni u fis-seduta tal-14 ta' Ġunju, 2019, talbet li l-medjazzjoni tingħalaq peress li ma kienx

---
[12] Fol. 46.
[13] Ara Dok. DCX4, printouts ta' messaġġi numerużi a fol. 233 *et seq*.
[14] Fol. 233 *et seq*.
[15] Fol. 339 *et seq*. u fol. 370

hemm lok għal rikonċiljazzjoni. Evidenti li kienet kuntenta fir-relazzjoni ġdida u ma kellha l-ebda ħsieb li tara x'hemm bżonn isir biex issalva ż-żwieġ.

21. Wara li l-Qorti qrat l-atti m'għandhiex dubju li l-appellanti ma ressqitx provi sodisfaċenti li jikkonvinċuha li x'aktarx iż-żwieġ tkisser minħabba tortijiet imputabbli lill-konvenut. Il-provi juru li x'aktarx dan iż-żwieġ tkisser minħabba li l-appellanti bdiet relazzjoni ma' raġel ieħor u darba li bdiet ma kellha l-ebda intenzjoni li tkompli fil-ħajja miżżewġa mal-appellat.

22. Permezz tat-tieni aggravju l-appellanti tilmenta mill-fatt li ġew applikati fil-konfront tagħha l-Artikoli 48, 51 u 52 tal-Kodiċi Ċivili.

23. Stabbilita` r-responsabbilita` tal-appellanti għat-tifrik taż-żwieġ minħabba l-adulterju, il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn dik il-parti tas-sentenza appellata għandha titħassar.

24. It-tielet aggravju jirreferi għal dik il-parti tas-sentenza li biha l-appellata ġiet ordnata toħroġ mid-dar matrimonjali.

25. Il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward kienu dawn:

> *"Kwantu ghall-likwidazzjoni tal-assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti taqbel li d-dar matrimonjali ghandha tinbiegh fuq is-suq liberu, u r-rikavat ghandu jinqasam bejn il-partijiet wara li jkun inqata' d-dejn fuq self li l-istess partijiet hadu mill-bank. Tenut kont tal-fatt li kienet l-attrici li kkawzat il-firda bejn il-partijiet il-Qorti hi tal-fehma li l-attrici ghandha tallontana ruhha mid-dar matrimonjali sa zmien tlitt xhur mid-data tas-sentenza, bil-konvenut jibqa' jirrisjedi fl-istess dar, b'dana illi d-dar ghandha tinbiegh sa mhux aktar tard minn sena mid-data ta' din is-sentenza."*

26. F'dan il-kuntest l-appellanti tilmenta illi l-ewwel Qorti ma setgħatx tagħti din l-ordni billi, kuntrarjament għal dak li jipprovdi l-Artikolu 55A tal-Kap.16, l-appellat ma għamel l-ebda talba speċifika f'dan is-sens. Tilmenta li b'dan il-mod, il-Qorti tal-ewwel grad ħarġet barra mil-limiti tal-kontestazzjoni. F'kull każ tikkontendi li din hija miżura estrema wisq speċjalment tenut kont tal-fatt li m'hemmx diżgwid bejn il-partijiet u hi għadha tnaddaf, taħsel u ġieli ssajjar għat-tnejn. Apparti dan, is-salarju tagħha ma jippermettilhiex tikri post ieħor. Tgħid ukoll li jekk ma tibqax tgħix fil-fond hi, hemm ċans li jispiċċa traskurat u jintelaq.

27. L-appellat da parti tiegħu wieġeb illi huwa qatt ma għamel talba sabiex l-appellanti tiġi allontanata mid-dar matrimonjali għaliex kellu tama li jirrikonċiljaw. Iżda in vista tal-fatt li sejra tiġi kkonfermata s-separazzjoni bejn il-partijiet, mhux il-każ li jibqgħu jgħixu flimkien. Għalhekk din il-Qorti xorta għandha tordna l-allontanament tal-appellanti mid-dar matrimonjali *ex officio*.

28. L-Artikolu 55A tal-Kap.16 jipprovdi kif ġej:

*"(1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha, fuq it-talba ta' xi waħda mill-partijiet, tordna, skont iċ-ċirkostanzi:*

*(a) li xi parti minnhom għandha toqgħod fid-dar taż-żwieġ, ad esklużjoni tal-parti l-oħra, u għal dak il-perjodu u taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti jidhrilha xierqa ...*

29. Fis-sentenza fl-ismijiet **Mary Mamo v. Carmelo Mamo** deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Settembru, 2007, ingħad:

*"din il-Qorti jidhrilha li ghandha tinghata interpretazzjoni liberali ghal dan l-artikolu ghal diversi ragunijiet. Fl-ewwel lok jidher car li l-legislatur stess fl-imsemmi artikolu ma jispecifikax li t-talba biex parti tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-parti l-ohra, ghandha ssir b'talba ad hoc fl-att tac-citazzjoni fil-kawza tal-firda personali. Fit-tieni lok dak il-formalizmu zejjed procedurali li jikkreja n-nullitajiet u jimmultiplika l-kawzi bi tbatija kbira ghall-partijiet, certament ma ghandux jigi inkoraggit, ghaliex il-mira tal-Qrati ghandha tkun li huma jiddispensaw il-gustizzja vera u awtentika lejn il-partijiet u dan fi zmien ragjonevoli. Fit-tielet lok huwa risaput li f'kawza bhal ma hija dik prezenti, cioe` dwar firda personali, id-disposizzjonijiet tal-ligi, bhala norma, jaghtu lill-Qorti diskrezzjoni ferm wiesa', u dan bl-iskop li l-gudikant ikollu ghad-disposizzjoni tieghu dik il-fessibilita` li taghmilha possibbli ghalih li jaghti dawk il-provvedimenti xierqa skond ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u skond il-htigijiet u l-interessi ewlenin ta' l-ulied u tal-konjugi stess. Ma hemmx ghalfejn wiehed jghid li fl-ezercizzju ta' tali diskrezzjoni l-gudikant ghandu jkun ferm attent li jissalvagwardja l-interessi ta' kull min huwa interessat u dan senjatament billi jaghti smigh xieraq liz-zewg partijiet u li jaghtihom id-debita opportunita` li jressqu l-provi kollha taghhom fir-rigward ta' lil min minnhom ghandha tigi assenjata d-dar matrimonjali."* [16]

30. Jirriżulta li fin-nota ta' sottomissjonijiet li l-appellat ippreżenta quddiem l-ewwel Qorti, qal li l-Qorti *"5..... fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħha tista' tiddeċiedi li d-dar matrimonjali ma tinbiegħx għal perjodu u minħabba li t-tort tal-attriċi tista' tordna li l-attriċi tallontana ruħha mid-dar*

[16] Ara wkoll *Goran Milenkovic v. Miriam Milenkovic,* deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta' Ottubru 2017.

*matrimonjali u tawtorizza lill-konvenut jibqa' jirrisjedi hemm"*. Fit-tweġiba għar-rikors tal-appell pero` qal li m'għamilx talba sabiex il-Qorti tordna li l-appellanti toħroġ mid-dar.

31. L-appellat jaqbel ma' dak li qalet l-appellanti f'paragrafu 10.3 tar-rikors tal-appell, ċioe` li dan mhuwiex każ ta' vjolenza domestika u m'hemmx argumenti li fihom kellha tintervjeni l-pulizija jew li kien hemm ksur tal-ordni u paċi pubblika. Ikkonferma li l-appellanti għadha tnaddaf id-dar, taħsel u ġieli ssajjar għat-tnejn li huma, u l-appellat jagħmel il-parti tiegħu wkoll.

32. L-appellat jargumenta li l-appellanti trid tiddeċiedi fejn ser tgħix għaliex min-nofs il-ġimgħa titlaq mid-dar taż-żwieġ biex tqatta' l-ġranet ma' persuna oħra. Għalhekk mhux il-każ li l-partijiet jibqgħu jgħixu flimkien taħt l-istess saqaf.

33. M'hemmx dubju li l-Qorti tal-Familja għandha diskrezzjoni wiesgħa f'dan ir-rigward. Pero` fil-fehma ta' din il-Qorti meta tqis iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, l-ilment tal-appellanti hu ġustifikat. Veru li l-appellanti qiegħda f'relazzjoni ma' raġel ieħor, iżda m'hemmx il-ħtieġa li tagħti ordni drastika bħal dik. Wara kollox il-fond matrimonjali hu proprjeta` tagħha daqs kemm hu ta' żewġha u qiegħda tagħmel tajjeb għall-pagamenti tas-self ukoll. Il-fatt li l-appellanti hi responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ, meta

tikkunsidra dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti ma ssibx ġustifikazzjoni għalfejn għandha tiġi mċaħda mit-tgawdija tal-proprjeta` tagħha. Dan iktar u iktar meta hemm ordni li l-fond matrimonjali jinbiegħ fi żmien sena. Inoltre, il-kawża ilha pendenti kważi tliet snin u ma jidhirx li matul dan il-perjodu kien hemm problemi dwar it-tgawdija tad-dar mill-partijiet.

34. Permezz tar-raba' aggravju l-appellanti tilmenta li minkejja li l-ewwel Qorti assenjat lill-partijiet il-proprjeta` parafernali tagħhom, ma llikwidatx l-ammont dovut lil kull parti.

35. Fil-parti dispożittiva tas-sentenza l-ewwel Qorti qalet biss li *"tassenja lill-partijiet il-proprjeta parafernali tagħhom"* u xejn iktar. Fil-parti tal-motivazzjoni ma ssemma xejn dwar il-provi li tressqu f'dan ir-rigward. L-appellanti għandha raġun tilmenta li l-ewwel Qorti ma llikwidatx ammonti minkejja li hemm il-provi fl-atti. Dan ifisser li l-eżerċizzju jrid isir fl-istadju tal-appell. Ikun floku li meta l-Qorti tal-Familja tiddeċiedi dwar talbiet li jkunu saru f'rikors ġuramentat jew kontro-talba, tiżgura li tindirizza t-talbiet kollha b'mod suffiċjenti u b'hekk jiġu evitati aggravji bla bżonn.

36. L-appellanti qalet li għandha kreditu parafernali ta' €82,694.91 konsistenti f'depożitu fuq id-dar matrimonjali, taxxa proviżorja fuq l-istess, depożiti bankarji u flus kontanti li tawha ħutha. Tgħid li dawn il-flejjes

mhux kontestati mill-appellat li da parti tiegħu għandu kreditu parafernali ta' €13,524.31.

37. Fit-tweġiba l-appellat qal li l-ewwel Qorti ħalliet f'idejn il-partijiet sabiex jieħdu l-krediti parafernali *"9....... peress li din faċilment tista' ssir minnhom stess. In vista li hemm dan l-aggrtavju, iżda, l-appellat jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti"*.

38. Il-Qorti rat l-affidavit tal-appellanti ppreżentat fil-21 ta' Novembru, 2019[17], fejn tat redikont tad-dħul u l-flejjes kollha li kellha qabel iż-żwieġ. Jirriżulta li minnhom nefqet is-segwenti għall-finijiet tat-tieġ u tad-dar matrimonjali:

| | € |
|---|---|
| Flejjes akkont tal-prezz imħallsa fuq il-kovenju tad-dar matrimonjali | 15,000.00 |
| Taxxa Proviżorja fuq il-konvenju | 1,350.00 |
| Prezz tal-għamara imħallas lill-vendituri | 16,409.00 |
| Bilanċ tat-taxxa dovuta fuq il-kuntratt | 3,645.00 |
| Spejjeż notarili | 1,400.00 |
| Loan repayments (€353 x 28) | 9,884.00 |
| Atrezzar tad-dar | 20,847.31 |
| Spejjeż tat-tieġ (catering, ħwejjeġ u trasport) | 6,000.00 |
| Bilanċ fil-kont bankarju fid-data taż-żwieġ | 2,430.75 |
| | **76,966.06** |

Għalhekk ma tressqitx prova li l-appellanti nefqet l-ammont kollu li tippretendi. Il-konvenut għażel li ma jikkontesta l-ebda wieħed mill-imsemmija ammonti. It-total hu €76,966. Għal dak li jirrigwarda l-prezz tal-għamara fl-ammont ta' €16,409 il-Qorti fehmet li l-appellanti xtratha

[17] Fol. 122 *et seq*.

minn flusha fl-interess taż-żewġ partijiet. Għalhekk dak li xtrat l-appellanti qabel iż-żwieġ u li serva biex tattrezza d-dar taż-żwieġ, hu proprjeta` taż-żewġ partijiet. L-appellanti ser tiġbor lura l-ispiża li għamlet mill-bilanċ tal-prezz li jibqa' mill-bejgħ tal-fond matrimonjali wara li jitħallas dak li jkun għad fadal mid-dejn mal-bank.

39. Il-ħlasijiet li għamel l-attur qabel iż-żwieġ issemmew f'Dok. DCX6 a fol. 407. L-ewwel tmien partiti m'humiex kontestati mill-appellanti. Il-Qorti rat ukoll l-affidavit tal-appellat a fol. 227 *et seq*, il-kontro-eżami tal-appellat a fol. 348, u l-kontro-eżami ulterjuri tal-appellat a fol. 409 – 430. Rat ukoll Dok. JB3, *statement of account* tal-*current account* dwar *cheque book* tal-appellat. Il-Qorti taċċetta għalhekk l-ewwel tmien partiti bħala kreditu parafernali tiegħu.

40. Skont Dok. JB3 (l-*istatement of account* tal-*current account* abbinat mac-*cheque book* tal-appellat) l-aħħar tliet ammonti elenkati a fol. 407 tħallsu <u>wara</u> ż-żwieġ. Dan wara li fl-4 ta' Lulju, 2012, huwa kien iddepożita s-somma ta' €4,000 fis-*savings account* li jispiċċa 0017 (ara Dok. JB 1). Ladarba m'hemmx spjegazzjoni oħra dwar il-provenjenza ta' dawn il-flus, il-Qorti temmen il-verżjoni tal-appellanti li dawn il-flejjes kienu rigali tat-tieġ. Dan ukoll għaliex id-depożitu sar ftit jiem wara li żżewġu. Għalhekk l-aħħar tliet figuri f'Dok. DCX6 ser jiġu skartati.

41. Il-Qorti tqis ukoll li fil-konteġġi tal-appellanti ġiet inkluża s-somma ta' €9,884 pagamenti tas-self li saru qabel iż-żwieġ. Pagamenti tal-*loan*

dejjem saru miż-żewġ partijiet f'sehem indaqs. Ladarba l-appellanti żidithom fil-konteġġi tagħha għandhom jiżdiedu wkoll f'dawk tal-appellat.

42. Il-ġid parafernali tal-appellat huwa għalhekk:

| | € |
|---|---|
| Loan repayments | 9,884.00 |
| Spejjeż notarili tal-akkwist tad-dar matrimonjali | 2,212.80 |
| Senserija għax-xiri tal-post | 1,514.00 |
| Deposit fuq il-kamra tal-banju | 320.00 |
| Tikħil u kisi | 1,364.00 |
| Kisi kamra tal-banju | 500.00 |
| Madum | 500.00 |
| Tqegħid ta' madum | 1,000.00 |
| Tqegħid ta' madum | 490.00 |
| Bilanċ fil-kontijiet bankarji fid-data taż-żwieġ | 4,366.51[18] |
| | **22,151.31** |

43. Fiċ-ċirkostanzi tilqa' dan l-aggravju billi tillikwida l-kreditu parafernali tal-appellanti fis-somma ta' €76,966 u dik tal-appellat fis-somma ta' €22,151. B'hekk mir-rikavat tal-bejgħ tal-fond matrimonjali għandu l-ewwel jitħallas il-bilanċ tad-dejn li jkun għad fadal mal-Bank of Valletta plc,[18] imbagħad kull parti titħallas il-kreditu parafernali tagħha, filwaqt li l-bilanċ li jifdal jinqasam f'sehem ugwali bejn il-partijiet.

44. Il-ħames aggravju jirrigwarda l-assenjazzjoni tal-vettura KIA EBV-912. L-appellanti tilmenta mill-fatt illi l-ewwel Qorti ddeċidiet li kull parti għandha żżomm il-vettura reġistrata fuqha. Tilmenta illi fiż-żwieġ inxtrat biss vettura waħda, KIA bin-numru EBV-912. Tgħid illi llum il-vettura għandha valur ta' €11,700. Tippretendi li billi l-vettura ġiet assenjata lill-appellat għandu jħallasha s-somma addizzjonali ta' €5,850.

[18] Skont statement tal-BOV, fil-11 ta' Diċembru, 2018, kien fadal x'jitħallsu €74,550.

45. Effettivament il-vettura KIA targata EBV-912 kienet l-uniku vettura li nxtrat fiż-żwieġ u reġistrata f'isem l-appellat. Skont ir-rappreżentant tal-MAPFRE Middlesea plc, f'Mejju tal-2015 il-vettura ġiet assigurata għas-somma ta' €11,700. Valur li kien jonqos kull sena b'dan illi għall-perjodu bejn Mejju 2019 u Mejju 2020 il-valur assigurat kien €7,700.[19] Valur ġustifikat meta tqis is-snin li għaddew mid-data tal-akkwist.

46. Il-konvenut isostni li l-appellanti m'għandhiex jedd tippretendi sehemha minħabba *"10...... dekadenza tagħha ai termini tal-Artikolu 48(1)(b), l-appellat m'għandu xejn xi jħallas lill-appellanti stante li hija ddekadiet"*.

47. Il-vettura nxtrat fiż-żwieġ. Fl-affidavit qalet *"10..... fit-2 ta' Ġunju 2015 ħallastlu prezzha ta' €13,000 milli kelli mfaddlin matul iż-żwieġ"*.[20] Hu minnu li fin-nota ta' sottomissjonijiet tippretendi s-somma ta' €13,000 *".... li rregalatlu biex inxtrat il-karozza KIA targata EBV-912 li għandha tiġi assenjata lir-Raġel"*. Il-flus li biha nxtrat il-vettura kienu tal-komunjoni tal-akkwisti u mhux proprjeta` parafernali tal-appellanti. Għalhekk għandha jedd għal nofs il-valur tal-vettura, fl-ammont a' €3,850.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-appellanti biss sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-30 ta' Settembru, 2021, billi:

[19] Fol. 148.
[20] Fol. 55.

(i) tillikwida l-kreditu parafernali tal-appellanti fis-somma ta' sitta u sebgħin elf, disa' mija u sitta u sittin Ewro (€76,966) u tal-appellat fis-somma ta' tnejn u għoxrin elf, mija u wieħed u ħamsin Ewro (€22,151), li jitħallsu mir-rikavat tal-bejgħ tal-fond matrimonjali li xtraw flimkien qabel iż-żwieġ wara li l-ewwel jitħallas id-dejn tal-bank;

(ii) tordna lill-konvenut appellat iħallas lill-attriċi appellanti s-somma ta' tliet elef, tmien mija u ħamsin Ewro (€3,850) bħala sehemha mill-karozza KIA numru EBV-912; u

(iii) tħassar l-ordni li biha ordnat li l-appellanti għandha toħroġ mill-fond matrimonjali, b'dan li l-partijiet għandhom jibqgħu jħallsu d-dejn li għandhom mal-bank f'sehem ugwali bejniethom, inkluż spejjeż ta' manutenzjoni.

(iv) tikkonferma l-partijiet l-oħra tas-sentenza appellata.

L-ispejjeż tal-appell għandhom jinqasmu in kwantu għal tnejn minn tlieta (2/3) a karigu tal-appellanti u wieħed minn tlieta (1/3) a karigu tal-appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da